MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-16 ta' Awwissu, 2011

Numru 287/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR VICTOR AQUILINA**
**KONTRA**

**PAUL MARTIN AZZOPARDI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Paul Martin Azzopardi ta’ 30 sena, bin Martin u Gwen nee’ Efford, mwieled New York nhar l- 14 ta’ Awwissu 1981, residenti 5, Triq Mattiu, Nadur, Ghawdex u detentur tal-passaport Amerikan b’ numru 206014364 mahrug fid- 9 ta’ April 2001 u jiskadi fit- 8 ta’ April 2012;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli f' dawn il- Gzejjer fil- 15 ta' Awwissu 2011 kellu fil-pussess tieghu d- droga Kokajina specifikata fl- ewwel skeda tal- Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal- Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall- importazzjoni jew ghal esportazzjoni mharug mit- Tabib Principal ital- Gvern skont id- disposizzjonijiet tar- 4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil- licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifettura, jwe li jforni d- droga msemmija u meta ma kienx b' xi mod iehor bil- Licenzja mill- President ta' Malta li jkollu droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d- droga msemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skont ir- ricotta kif provdut fir- regolamenti msemmija u dan bi ksur tar- regolamenti tal- 1939 dwar il- kontroll intern tad- drogi perikoluzi (GN. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat in-nota tal-Avukat Generali, li permezz taghha hu ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza titmexxa b'mod sommarju minn din il-Qorti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissieta bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f'din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Wara li rat ir- Regolamenti msemmija tal- 1939 dwar il-kontroll intern tad- drogi perikoluzi (GN. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal- ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal- Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imuptat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------